Dispożittiv

1) Billi naqset milli:

— tindika s-siti kollha ta' ilmijiet għall-kultivazzjoni tal-molluski li jeħtieġu li jiġu indikati skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 79/923/KEE, tat-30 ta' Ottubru 1979, dwar il-kwalità meħtieġa għall-ilmijiet tal-kultivazzjoni tal-molluski;

— tiffissa l-valuri kollha meħtieġa dwar l-ilmijiet għall-kultivazzjoni tal-molluski indikati jew li jeħtieġu li jiġu indikati skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/923, skond l-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva, u

— tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tistabbilixxi l-programmi għat-tnaqqis tat-tniġġis ta' l-ilmijiet li jeħtieġu li jiġu indikati skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 79/923, skond l-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva,

l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond din id-Direttiva.

2) L-Irlanda hija kkundannata tbati l-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) ta' l-14 ta' Ġunju 2007 — Il-Kummissjoni vs L-Italja

(Kawża C-82/06)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Skart — Skart perikoluż — Direttivi 75/442/KEE u 91/689/KEE — Obbligu li jitħejjew u li jiġu kkomunikati pjani għall-immaniġġjar ta' l-iskart"

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Suġġett tal-kawża — Determinazzjoni matul il-proċedura prekontenzjuża (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 14)*

2. *Atti ta' l-istituzzjonijiet — Direttivi — Implementazzjoni mill-Istati Membri (Artikolu 249 KE; Direttivi tal-Kunsill 75/442, kif emendata bid-Direttiva* 91/156, *u 91/689) (ara l-punti 19, 34, 35, 37-39)*

3. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 25)*

4. *Stati Membri — Obbligi — Implementazzjoni tad-direttivi — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Ġustifikazzjoni bbażata fuq is-sistema interna — Inammissibbiltà (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 26)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE, tal-15 ta' Lulju 1975, dwar l-iskart (ĠU L 194, p. 39), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/156/KEE, tat-18 ta' Marzu 1991 (ĠU L 78, p. 32), u ta' l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE, tat-12 ta' Diċembru 1991, fuq skart perikoluż (ĠU L 377, p. 20) — Obbligu ta' komunikazzjoni tal-pjani għall-immaniġġjar ta' l-iskart.

Dispożittiv

1) Billi ma ħejjietx:

— il-pjan għall-immaniġġjar ta' l-iskart għall-provinċja ta' Rimini, skond l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE, tal-15 ta' Lulju 1975, dwar l-iskart, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/156/KEE, tat-18 ta' Marzu 1991,

— il-pjani għall-immaniġġjar ta' l-iskart dwar il-postijiet jew l-installazzjonijiet xierqa għar-rimi ta' l-skart għar-reġjun ta' Lazio, skond ir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 75/442, kif emendata bid-Direttiva 91/156,

— il-pjani għall-immaniġġjar ta' l-iskart għar-reġjuni ta' Friuli-Venezia-Giulia u tal-Puglia, kif ukoll għall-provinċja awtonoma ta' Bolzano-Alto Adige u għall-provinċja ta' Rimini, skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE, tat-12 ta' Diċembru 1991, fuq skart perikoluż,

1) ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond dawn id-direttivi.

2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata tbati l-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) ta' l-24 ta' Ġunju 2007 — Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu

(Kawża C-321/06)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2002/14/KE — Informazzjoni u konsultazzjoni ta' l-impjegati — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 8)